**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Novembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Annabelle Camilleri (Monreal)**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-7 ta' Jannar 2016 - migjuba kontra:

   Annabelle Camilleri (Monreal) bint Martin u Rose Mary xebba Busuttil imwielda nhar it-18 ta' Mejju 1985 u residenti 24 St. Joseph Triq Santa Marija, Hal-Safi, 14 Triq id-Dolmen, Hal-Safi u Ocean Heights Triq Piscopo Macedonia, Xemxija u detentrici tal-karta tal-identita numru 311185M

   Akkuzata talli:

1. fil-Gzejjer Maltin, talli (sic) Awwissu 2014 u fil-jiem u fix-xhur ta' wara, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza, dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' €850 bi hsara ta' Shallas Mercieca 150084M u dan bi ksur tal-Artiklu 308 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bi hsara ta' Shallas Mercieca 150084M ghamlet xi qligh iehor ta' €850 b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qabel u dan is-sub-titolu, dan bi ksur tal-Artiklu 309, 310(b) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprjat ruhha billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe s-somma ta' €850, ghad-detriment ta' Shallas Mercieca ID 1500084M, ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, wettqet ir-reat de quo waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar it-2 ta' Dicembru 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit;

5. u aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, kisret il-kundizzjonijiet marbuta mal-liberazzjoni kondizzjonata moghtija lilha nhar l-24 ta' Gunju 2024 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri (ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputata bhala li saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi kienu moghtija lil Annabelle Camilleri (Monreal) u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Settembru 2019 fejn deherlu li tista' tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 308 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Fl-Artikoli 309 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Fl-Artikoli 293 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fl-Artikoli 28A, 28B u 28F tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Fl-Artikoli 22 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta
6. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
7. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Rat li l-imputata iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra taghha jigu trattati bil-procedura sommarja.

5. Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

6. Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-28 ta' Jannar 2021.

7. Rat li dik is-sentenza giet dikjarata nulla permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) tal-15 ta' Settembru 2022, li baghtet l-atti processwali lura lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza skont il-Ligi.

8. Rat li b'ordni tal-Onorevoli Prim'Imhallef tal-24 t'Ottubru 2022, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

9. Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza.

10. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

11. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Permezz ta' skrittura privata datata 4 t'Awwissu 2014 Shallas Mercieca kriet minghand l-imputata residenza gewwa Hal-Safi. Shallas Mercieca dahlet f'dan il-kuntratt wara li l-imputata baghtitilha diversi ritratti ta' dan il-fond, izda qatt ma marret izzur l-istess.

2. Din il-kirja kellha tkun ghal sena b'effett mill-14 ta' Settembru 2014. Fuq istruzzjonijiet tal-imputata, Shallas Mercieca biddlet ukoll il-karta tal-identita taghha ghal indirizz tar-residenza mertu tal-kirja. Hija hallset ukoll lill-imputata l-ammont globali ta' elf tlett mija u hamsin Euro (€1350.00) parti bhala kirjiet bil-quddiem u parti bhala depozitu akkont tal-ispejjez tad-dawl u ilma u ta' xi eventwali hsarat fil-post.

3. L-imputata baqghet qatt ma tat ic-cwievet tar-residenza lil Shallas Mercieca, u ghalhekk din qatt ma effettivament abitat f'dan il-fond. Shallas Mercieca saret taf ukoll li l-fond in kwistjoni kien effettivament propjeta ta' Joseph u Bernardette konjugi Cachia, u mhux tal-imputata.

4. Fit-22 ta' Settembru 2014, l-imputata irrifondiet lura elf u hames mitt Euro (€1500) lil Mercieca, izda ghalkemm fuq l-ircevuta obbligat ruhha li tirrifondilha ir-rimanenti tminn mija u hamsin Euro (€850.00) dan baqghet m'ghamlitux.[1]

5. Shallas Mercieca baghtet kwerela lill-Pulizija kontra l-imputata, u sussegwentement gew intavolati dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputata.

[1] Ara fol. 69 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

<u>*Kwistjoni Preliminari - L-Inammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputata*</u>

12. Id-difiza qieghda fl-ewwel lok tissottometti li din il-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputata, in vista tal-fatt li din l-istqarrija ittiehdet fl-20 ta' Dicembru 2014, fi zmien meta l-ligi taghna ma kinietx tipprovdi ghad-dritt ta' assistenza legali matul l-interogazzjoni. Dan id-dritt gie introdott biss permezz tal-Att LI tal-2016. Id-difiza issottomettiet li in vista tal-fatt li l-imputata ma kinietx inghatat l-opportunita li jkollha avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni, l-istqarrija minnha rilaxxata kienet leziva tad-drittijiet fundamentali taghha ghal smiegh xieraq, kif sancit fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

13. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Bugeja et** deciza fit-22 ta' Gunju 2022:

*"13. Illi huwa indubitat … … illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Illi dan wassal għal fehmiet differenti espressi mill qrati ta' kompetenza penali kif ukoll dawk kostituzzjonali u anke evoluzjoni fil-ħsieb tal-QEDB liema ħsieb imbagħad influwenza deċizjonijiet illi ġew wara s-sentenzi fil-każ Philippe Beuze vs il-Belġju (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u Farrugia vs Malta illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' Salduz u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"overall fairness of the proceedings" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.*

… …

*18. Illi allura, għalkemm l-Avukat Ġenerali jista' jkollu raġun fl-ilment minnu ventilat dirett lejn is-sentenza appellata, u għalkemm huwa minnu wkoll illi l-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq jista' jkun mistħarreġ unikament meta jintemm il-proċess penali fl-intier tiegħu, madanakollu qed tingħata direzzjoni lil qrati ta' ġurisdizzjoni penali mill-istess Qorti Kostituzzjonali sabiex din il-prova titwarrab mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Illi fil-fehma tal-Qorti dan għandu jseħħ iktar u iktar f'dan il-każ fejn ir-restrizjoni għal jedd tal-assistenza legali kienet waħda sistematika fejn fl-ebda stadju tal-istħarriġ, kemm dak tal-pulizija kif ukoll dak dwar l-in genere l-appellati ma kienu mogħtija difiża adegwata sabiex jiddefendu ruħhom mill-periklu tal-awto-inkriminazzjoni.*

*19. Illi llum, fid-dawl tas-sentenzi mogħtija in materja, jidher opportun li l-fehma ta' din il-Qorti tkun konsoni mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali li hija waħda kostanti u ripetuta u dan fir-rigward ta' kawżi kriminali li għadhom sub iudice. Dan għalkemm id-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġi fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha."*

14. Din il-Qorti kif preseduta taqbel perfettament ma' din id-direzzjoni li qed tigi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li huwa d-dover taghha li tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputata tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li potenzjalment jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq.

15. Konsegwentement, din il-Qorti se tiskarta mhux biss l-istqarrija rilaxxata mill-imputata, kif mitlub mid-difiza, izda wkoll kwalunkwe riferenza ghaliha u ghal kontenut taghha li ghamel l-Ufficjal Prosekutur waqt ix-xhieda tieghu.

16. Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkonsidra il-meritu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata.

*L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjonijiet – Truffa u Frodi Innominata*

17. Il-Qorti ser tikkonsidra dawn iz-zewg imputazzjonijiet flimkien, stante li l-gurisprudenza irrikonoxxiet li l-kuncett ta' frodi innominata jista' jitqies bhala reat minuri, kompriz jew involut fir-reat ta' truffa.

18. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmen German** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (****Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul****, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll* ***Il-Pulizija v. Daniel Frendo****, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (****Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis****, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn,* ***Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis****, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137;* ***Il-Pulizija v. Francesca Caruana****, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll* ***Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer****, App. Krim., 3/3/56)."*

*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament*

[2] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

19. Il-fatti fuq elenkati li taw lok ghal dawn il-proceduri gew kollha debitament ippruvati mix-xhieda u l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri. Mix-xhieda tan-Nutar Clinton Bellizzi u r-ricerki minnu ezebiti jirrizulta wkoll li l-fond residenzjali mertu tal-kirja kien originarjament gie akwistat mill-imputata b'titolu ta' donazzjoni minghand in-nanniet paterni taghha b'kuntratt tal-24 ta' Settembru 2004. Pero, b'digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 2013, fuq rikors ta' Joseph Cachia gie ordnat il-bejgh bl-irkant tal-istess proprjeta. Sussegwentement fil-bejgh bl-irkant li sar fid-29 ta' Ottubru 2013, il-proprjeta giet liberata a favur l-istess Joseph Cachia, u sussegwentement saret id-debita insinwa fir-Registru Pubbliku.

20. Ghaldaqstant, m'hemmx dubbju li fl-4 t'Awwissu 2014, l-imputata ma kinietx is-sid ta' din ir-residenza u lanqas kellha xi jedd iehor biex tikriha. Dan nonostante Shallas Mercieca xehdet li l-imputata kienet qaltilha li din ir-residenza kienet akwistata minnha qabel kienet izzewget.[3]

21. In oltre, mir-rapport tal-espert kaligrafu Joseph Mallia, mahtur minn din il-Qorti diversament preseduta, jirrizulta li l-kaligrafija fuq il-kuntratt ta' lokazzjoni u fuq l-ircevuta tat-22 ta' Settembru 2024 tar-rifuzjoni mill-imputata ta' parti mill-flus lil Shallas Mercieca u d-dikjarazzjoni tal-bilanc dovut ta' €850 hija tal-imputata.

22. Il-Qorti hija tal-opinjoni li mill-atti ma jirrizultax li l-imputata ikkommettiet xi ingann permezz tal-uzu ta' raggiri u artifizzji, u ghalhekk ma tistax tkun hatja ta' truffa.

23. Pero mill-atti certament jirrizulta li l-imputata ikkomettiet ingann bl-uzu ta' kliem menzjonier li bih tat x'tifhem lil Shallas Mercieca li hija kellha l-jedd li tikri l-fond in kwistjoni, meta l-imputata kien taf ben tajjeb, li l-fond ma kienx ghadu proprjeta taghha, ghax kien inbiegh bis-subbasta kwazi sena qabel kriet il-fond lil Mercieca. Konsegwenza ta' dan l-ingann, Shallas Mercieca iffirmat il-kuntratt ta' lokazzjoni u tatha flus in

[3] Ara fol. 44 tal-process.

konnessjoni ma' din il-kirja fl-ammont ta' €2350, li minnhom sa qabel inbdew dawn il-proceduri, l-imputata kienet irrifondiet biss l-ammont ta' €1500.

24. Ghaldaqstant, din il-Qorti issib li l-imputata hija hatja ta' frodi innominata fl-ammont ta' €850.

*It-Tielet Imputazzjoni – Misapproprjazzjoni Indebita*

25. L-imputata giet mixlija wkoll bir-reat ta' misapproprjazzjoni indebita. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2022 moghtija f'dawn il-proceduri, huwa ovvju li din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghal dik ta' truffa jew frodi innominata, stante li fl-istess fatt guridiku ma jistax ikun hemm reita kontemperonaja kemm ghal truffa jew frodi innominata kif ukoll ghal misapproprjazzjoni indebita. Jekk il-flus jew oggetti jkunu ghaddew minghand is-suggett passiv ghand is-suggett attiv bil-mezz tal-ingann jista' jkun hemm truffa jew frodi innominata, izda mhux ukoll appropjazzjoni indebita, u dan peress li l-passagg tal-flus jew oggetti ohra, ghall-fini tal-integrazzjoni tal-approprjazzjoni indebita, jridu jkunu ghaddew minghajr l-ingann.

26. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis** deciza fit-12 ta' Dicembru 1959, il-Qorti tal-Appell (sede Kriminali)[4] irriteniet hekk:

27. *"Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggetti li minnu jsir profit indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mill-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe minghajr ingann. Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profit indebitu minnu; fl-approprjazzjoni indebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament f'idejh haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu."*

[4] *Per* Imhallef J. Flores.

28. Ghaldaqstant, l-ezistenza tat-truffa jew frodi innominata teskludi l-approprjazzjoni indebita u vice versa, in kwantu ma humiex legalment kompatibbli.

29. Minn dan isegwi li ladarba din il-Qorti sabet lill-imputata hatja ta' frodi innominata, hija se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni tal-misapproprjazzjoni indebita.

*<u>Ir-Raba' Imputazzjoni – Ksur ta' Sentenza Sospiza</u>*

30. L-imputata giet ukoll mixlija li ikkomettiet dan ir-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit fit-2 ta' Dicembru 2013.

31. Minn indagni li ghamlet din il-Qorti jirrizulta li din is-sentenza sospiza giet reza operattiva b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-19 ta' Dicembru 2014, liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) b'sentenza tad-9 ta' Gunju 2020.

32. Ghaldaqstant, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

*<u>Il-Hames Imputazzjoni – Ksur ta' Liberta Kondizzjonata</u>*

33. Il-hames imputazzjoni hija li l-imputata kisret kundizzjonijiet marbuta mal-liberta kondizzjonata moghtija lilha nhar l-24 ta' Gunju 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri.

34. B'din is-sentenza, l-imputata giet moghtija l-liberta kondizzjonata ghal zmien sitt (6) xhur. Ir-reat in kwistjoni gie kommess fl-4 t'Awwisu 2014 u ghalhekk gie kommess entro dan it-terminu ta' sitt xhur.

35. Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' din il-hames (5) imputazzjoni.

*<u>L-Addebitu tar-Recidiva</u>*

36. Il-Qorti giet mitluba li tittratta mal-imputata bhala li saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Ghal dan il-fini, il-prosekuzzjoni ezebiet diversi kopji awtentikati ta' sentenzi fil-konfront tal-imputata.

37. Id-difiza issottomettiet li dawn is-sentenzi gew kollha moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u ma tressqet l-ebda prova biex turi li dawn is-sentenzi ma gewx appellati u ghaldaqstant li ghaddew in gudikat, iktar u iktar in vista tal-fatt li r-Registratur ma telghax jikkonferma dan il-fatt bil-gurament.

38. Il-kazistika tal-Qrati Maltin mhix konformi f'dan ir-rigward. Huwa vera li s-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** deciza 2 ta' Lulju 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] citata mid-difiza, u sentenzi ohra ricenti jirrikjedu wkoll li l-Prosekuzzjoni trid tressaq prova li s-sentenza ezebita ma gietx appellata. Pero, sentenzi ohra decizi fi snin precedenti jirritjenu l-oppost. Hekk per ezempju, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Julian Genovese** deciza fid-9 t'Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri)[6] irriteniet hekk:

*"Kopja legali ta' sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad taghmel prova shiha u kompluta ghall-finjiet tar-recidiva jew ghal xi fini ohra bhalma hija l-prova li r-reat gie kommess fil periodu operattiv ta' sentenza sospiza, jew li kien hemm ksur ta' ordni ta' probation jew ta' conditional discharge. Il-prosekuzzjoni <u>m'ghandhiex ghalfejn tipproduci xi certifikat li dik is-sentenza ma kienitx giet appellata</u>. Jekk l-imputat, pero`, jikkontesta il-finalita` ta' dik is-sentenza, spetta ghalih li jaghmel prova kuntrarja, imqar fuq bazi ta' probabbilita`."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

39. Din il-Qorti kif preseduta ittendi li taqbel mal-linja tal-hsieb rifless fis-sentenza **Il-Pulizija vs Julian Genovese**. Dan anke ghaliex illum il-gurnata meta hemm il-jedd ta' revizjoni ta' sentenzi ta' Qorti Kostituzzjonali sabiex tara jekk kienx hemm ksur ta' wiehed jew aktar mid-drittijiet fundamentali, jista' jaghti il-kaz li ghalkemm sentenza

[5] *Per* Imhallef Consuelo Scerri Herrera.
[6] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

tista' tigi ikkunsidrata finali ghax ma sarx appell minnha, jew ghax giet moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, xorta ikunu ghaddejnin jew ikunu gew decizi proceduri kostituzzjonali li annullaw dik is-sentenza. Ghalhekk prova li dik is-sentenza hija finali mhix necessarjament prova li dik is-sentenza hija wahda ezegwibbli. Ghaldaqstant ladarba l-Prosekuzzjoni tkun esebit kopja legali ta' dik is-sentenza, dik is-sentenza taghmel prova shiha u kompluta ghall-finijiet tar-recidiva. Jekk id-difiza tikkontesta l-finalita tas-sentenza, ikun jinkombi lilha li tressaq il-prova opposta.

40. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja ta' dan l-addebitu tar-recidiva dedott fil-konfront taghha.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

41. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li mill-verbal tas-seduta tal-11 t'Ottubru 2018 jirrizulta illi l-imputata hallset lil Shallas Mercieca dak kollu li kien lilha dovut, minghajr pregudizzju ghall-htija o meno tal-imputata.[7] Dan gie konfermat ukoll mix-xhieda ta' Shallas Mercieca stess li iddikjarat li m'ghadx ghandha interess f'dawn il-proceduri.[8] Pero irid jinghad ukoll li dan sar wara erba' (4) snin minn meta gew intavolati dawn il-proceduri, u meta l-Prosekuzzjoni kienet kwazi ghalqet il-provi taghha.

42. L-imputata ghandha fedina penali raffrettarja, li jinkludi tminn (8) kundanni ghar-reat ta' frodi, kundanna ghal falsifikazzjoni ta' dokumenti u sigilli, zewg serqiet minn residenza, zewg kundanni ghar-reat ta' ferita hafifa volontarja, u numru konsiderevoli ta' kontravvenzjonijiet. Wara li inghatat diversi opportunijiet minn dawn il-Qrati biex tirriforma ruhha, li ma servew ghal xejn, hija spiccat giet ikkundannata diversi perjodi ta' pieni karcerarji effettivi.

43. Mix-xhieda ta' Sarah Ann Debattista, psychology practitioner tal-habs, jirrizulta illi l-imputata ilha l-habs minn Gunju 2018 tiskonta diversi pieni ta' prigunerija u d-data tar-rilaxx taghha hija f'Gunju 2026, sakemm ma tkunx eligibbli ghal parole.[9]

[7] Ara fol. 324 tal-process.
[8] Ara fol. 595 tal-process.
[9] Ara fol. 598 tal-process.

44. Mix-xhieda ta' Sarah Ann Debattista jirrizulta wkoll li f'dawn l-ahhar snin, l-imputata segwiet cirka hames (5) korsijiet edukattivi gewwa l-habs. Hija wkoll taghmel b'mod volontarju xoghol ta' manutenzjoni u tindif kemm gewwa l-habs ta' Kordin, kif ukoll f'postijiet ohra ta' detenzjoni. Hija qalet ukoll li l-imputata ghandha l-appogg shih tal-familja taghha.

45. In oltre, l-imputata ilha taht il-kura tal-psikoterapista Charles Cassar mis-sena 2015.[10] Huwa xehed li l-imputata dejjem kienet habrieka pero kellha l-mentalita li taqta' l-kantunieri biex taqla' l-flus malajr. Huwa jghid li illum il-gurnata hija tammetti li dawn ix-shortcuts ma jezistux, u illum hija iktar persuna kalma u ibbilancjata. Fil-fatt jghid li huwa jircievi feedback pozittiv fuqha minghand l-ufficjali tal-habs. Huwa jghid ukoll li ghandha l-appogg tal-genituri taghha kemm finanzjarju, kif ukoll lesti li jipprovdulha akkomodazzjoni meta tohrog mill-habs kif ukoll jaghtuha xoghol mal-familja.

46. Id-difiza tissottometti li l-imputata ghamlet kambjament kbir f'hajjitha, anke peress li ilha karcerata ghal numru ta' snin fejn it-taghlima haditha, u hija ghandha issa tinghata cans iehor billi tigi mposta fuqha piena mhux wahda karcerarja.

47. Min-naha l-ohra, il-Prosekuzzjoni qed titlob li l-imputata ghandha tinghata piena karcerarja effettiva. Hija tissottometti li l-imputata bidlet l-attitudni taghha minhabba l-fatt li ilha l-habs u ghalhekk f'ambjent ta' rekluzjoni m'ghandhix opportunitajiet li taghmel reati godda ta' frodi.

48. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et** deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[11] irriteniet hekk:

*"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in*

[10] Ara fol. 602 tal-process.
[11] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

49. Mis-suespost, jidher li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputata ghamlet l-almu taghha biex tirriforma ruhha u titbieghed mit-triq tal-kriminalita meta tohrog mill-habs. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputata jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti.

50. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li kif sewwa osservat il-Prosekuzzjoni din l-bidla fl-attitudni tal-imputata sehhet ghaliex l-imputata ilha snin f'ambjent kontrollat, izda din il-Qorti temmen li apparti li jservi bhala post punittiv u ta' deterrent, il-habs ghandu jservi wkoll bhala post fejn d-detenut jigi riformat biex eventwalment jerga' jigi ri-integrat fis-socjeta. Il-Qorti jidhrilha wara ammont globali ta' issa iktar minn sitt (6) snin f'ambjent ikkontrollat, l-imputata ghandha tinghata opportunita ohra sabiex verament tipprova li irriformat ruhha u kapaci tghix fis-socjeta. Kif inhuma l-affarijiet, fl-opinjoni ta' din il-Qorti is-socjeta m'hu ser tiggwadanja xejn billi jizdied terminu ta' prigunerija iehor x'ghandu jigi skontat. Pero ikun opportun li l-imputata tibqa' taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* sabiex ikun assigurat li tibqa' fit-triq it-tajba, la darba hija tohrog mill-habs. Ovvjament, jekk l-imputata turi li mhix denja tal-fiducja li qed tinghatala billi terga' ixxellef difrejha mal-gustizzja, trid tiskonta l-piena ghar-reati li taghhom instabet hatja f'dawn il-proceduri.

51. In oltre, ladarba l-imputata instabet hatja li ikkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' liberta kundizzjonata, din il-Qorti hija wkoll obbligata li tittratta mal-imputata ghar-reat li dwaru kienet giet kondizzjonalment liberata, u dan ai termini tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.[12] Ir-reat li tieghu instabet hatja bis-sentenza tal-24 ta' Gunju 2014 kien ir-reat kontinwat li kellha fil-pussess taghha, uzat jew ippermettiet

[12] Ara s-sentenza **Il-Pulizija vs Andrew Buhagiar** deciza fis-16 ta' Gunju 1999 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Inferjuri) *per* Imhallef Vincent De Gaetano.

li tintuza vettura minghajr l-awtorizazzjoni tal-awtorita koncernata, bi ksur tal-Artikolu 21(1)(a) tal-Kapitolu 368.

**Konkluzjoni**

52. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Settembru 2019:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni dedotti kontra l-imputata, u cioe r-reati kontemplati fl-Artikoli 293, 310(1)(b), 28B u 28F tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Issib lill-imputata mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra taghha, u cioe tar-reat kontemplat fl-Artikoli 308 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali;

3. Wara li rat l-Artikoli 309, 310(1)(b), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha flimkien mal-addebitu tar-recidiva, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqha skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

4. In oltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-hames imputazzjoni, u cioe li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata tal-24 ta' Gunju 2014 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hatja ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hi kienet tpoggiet taht tali ordni, daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet. Filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, l-Artikolu 20(1)(a) tal-Kapitolu 368 u l-Artikolu 23

tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hatja ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025, b'dan li jekk l-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

5. In oltre, il-Qorti tordna lill-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilha l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

52. Il-Qorti wissiet lil hatja bi kliem car li jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqas illi ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, hija tkun tista' tigi ikkundannata ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hatja esprimiet r-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

53. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**